# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(Sede Kostituzzjonali)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM il-Ħamis, 7 ta' April, 2022**

**Kawża Nru. 10 (Kost.)**

**Rik. Nru. 98/17JRM**

Mark *sive* Marco **PAĊE**

vs

**AVUKAT ĠENERALI** illum magħruf bħala l-Avukat tal-Istat; u b'degriet tat-28 ta' Frar, 2018, Josephine Magri armla ta' Victor, u Malcolm, Jolynn Bartolo Bennetti u Karl, ilkoll aħwa Magri, ulied il-mejjet Victor Magri daħlu fil-kawża *in statu et terminis*

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-1 ta' Diċembru, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm dettaljatament imfissra r-rikorrenti talab li din il-Qorti (1) issib

li hu ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif imħarsa fl-artikoli 32(ċ) u 39 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Kostituzzjoni") u fl-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni (Ewropea) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); u (2) tagħtih dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fiċ-ċirkostanzi;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Diċembru, 2017[1], li bih appuntat ir-Rikors għas-smigħ tas-17 ta' Jannar, 2018, u ordnat in-notifika tal-atti lill-intimat;

Rat it-Tweġiba mressqa fit-22 ta' Diċembru, 2017[2], mill-intimat Avukat tal-Istat li biha laqa' għat-talbiet tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, jgħid li (i) l-azzjoni tressqet qabel waqtha billi l-proċeduri kriminali mibdija kontrih għadhom ma ntemmux; (ii) l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jagħtix jedd sostantiv billi dak l-artikolu huwa biss introduzzjoni għal lista tal-jeddijiet fundamentali maħsuba u mħarsa fl-artikoli 33 sa 45 tal-Kosituzzjoni, tant li dan l-istess artikolu ma jissemmiex fl-ewwel subinċiż tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; (iii) l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jgħoddx għall-każ tar-rikorrent, safejn tirrigwarda l-fażi qabel inbeda miexi l-każ tiegħu quddiem il-qrati kriminali, billi l-artikolu 39 jgħodd biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti; (iv) din il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha taħt il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, safejn jolqot it-talba attriċi għat-tneħħija mill-atti tal-istqarrijiet li r-rikorrent kien ta lill-Pulizija, billi għandu rimedju ieħor xieraq biex jagħmel dan u ma nqediex bih; u (v) li l-azzjoni attriċi ma tiswiex u hija biss waħda fiergħa u vessatorja għall-finijiet tal-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex ma hija xejn aktar minn appell minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-6 ta' Lulju, 2016 fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Mark sive Marco Pace*" li qieset u warrbet l-istess kwestjonijiet li r-rikorrent iqajjem f'din il-kawża. Fil-mertu, jiċħad li hemm ksur kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni, billi jgħid li l-kejl dwar jekk persuna tingħatax smigħ xieraq f'kawża jrid isir fuq il-proċess kollu li jkun, u li l-liġi tagħti lir-rikorrent il-garanziji kollha proċedurali u sostantivi biex jingħata smigħ xieraq u l-ħarsien tal-jeddijiet kollha tiegħu għall-ħajja privata u tal-familja. Imbagħad, l-intimat jgħaddi biex jgħid, waħda waħda, għaliex l-ilmenti tar-rikorrent m'humiex mistħoqqa;

Semgħet ix-xhieda u rat id-dokumenti mressqa quddiemha;

---

[1] Paġ. 30 tal-proċess
[2] Paġġ. 34 sa 40 tal-proċess

Rat il-verbal fis-smigħ tas-27 ta' Ġunju, 2019[3], li bih laqgħet talba mressqa mill-partijiet sabiex it-trattazzjoni tal-għeluq issir bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimat tal-31 ta' Ottubru, 2019[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti tal-14 ta' Novembru, 2019[5], bi tweġiba għal dik tal-intimat;

Rat in-Nota ta' Replika tal-intimat tas-7 ta' Jannar, 2020[6], bi tweġiba għan-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrent;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-23 ta' Jannar, 2020[7], li bih il-Qorti ordnat il-bdil fl-"okkju" tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom il-kawża tħalliet għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrent jinsab mixli b'reat f'Att ta' Akkuża u għaddej minn proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali. Huwa jilmenta li ġarrab jew sejjer iġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu li jingħata smigħ xieraq u l-jedd għat-tgawdija tal-ħajja privata u tal-familja tiegħu. Huwa jilmenta mill-mod kif fl-istadju ta' interrogazzjoni mill-Pulizija, ittieħdu stqarrijiet mingħand numru ta' persuni, u mingħandu wkoll, mingħajr ma ngħatalhom il-jedd li jikkonsultaw mal-avukati tal-fiduċja tagħhom fl-istadju li kien qed jiġi nvestigat mill-Pulizija. Jgħid li ma ngħatax il-jedd għar-'*rule of disclosure*' billi ġie mċaħħad mill-'*file*' tal-Pulizija. Itenni li, matul l-istadju tal-kumpilazzjoni, ġraw bosta nuqqasijiet proċedurali u qiegħed jitlob it-tneħħija mill-atti ta' xhieda u dokumenti li tressqu f'dawk l-atti b'mod irregolari jew bi ksur tal-liġi mill-Prosekuzzjoni. Jgħid ukoll li hemm nuqqasijiet serji fis-sistema legali Malti marbuta mal-ġuri, liema nuqqasijiet huma ta' ħsara u ta' preġudizzju għalih. Jitlob għaldaqstant li jerġa' jitqiegħed fil-pożizzjoni li kien fiha qabel ma seħħ il-ksur tal-imsemmija jeddijiet tiegħu;

[3] Paġġ. 588 sa 589 tal-proċess
[4] Paġġ. 635 sa 657 tal-proċess
[5] Paġġ. 661sa 688 tal-proċess
[6] Paġġ. 699 sa 700 tal-proċess
[7] Paġ. 694 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, l-intimat Avukat tal-Istat laqa' billi, b'mod preliminari, qal li (i) l-azzjoni tressqet qabel waqtha billi l-proċeduri kriminali mibdija kontrih għadhom ma ntemmux; (ii) l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni ma jagħtix jedd sostantiv billi dak l-artikolu huwa biss introduzzjoni għal lista tal-jeddijiet fundamentali maħsuba u mħarsa fl-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, tant li dan l-istess artikolu ma jissemmiex fl-ewwel subinċiż tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; (iii) l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jgħoddx għall-każ tar-rikorrent, safejn tirrigwarda l-fażi qabel inbeda miexi l-każ tiegħu quddiem il-qrati kriminali, billi l-artikolu 39 jgħodd biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti; (iv) din il-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha taħt il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-*proviso* tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, safejn jolqot it-talba attriċi għat-tneħħija mill-atti tal-istqarrijiet li r-rikorrent kien ta lill-Pulizija, billi għandu rimedju ieħor xieraq biex jagħmel dan u ma nqediex bih; u (v) li l-azzjoni attriċi ma tiswiex u hija biss waħda fiergħa u vessatorja għall-finijiet tal-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex ma hija xejn aktar minn appell minn deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-6 ta' Lulju, 2016 fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta vs Mark sive Marco Pace*" li qieset u warrbet l-istess kwestjonijiet li r-rikorrent iqajjem f'din il-kawża. Fil-mertu, jiċħad li hemm ksur kemm taħt l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni, billi jgħid li l-kejl dwar jekk persuna tingħatax smigħ xieraq f'kawża jrid isir fuq il-proċess kollu li jkun, u li l-liġi tagħti lir-rikorrent il-garanziji kollha proċedurali u sostantivi biex jingħata smigħ xieraq u l-ħarsien tal-jeddijiet kollha tiegħu għall-ħajja privata u tal-familja. Imbagħad, l-intimat jgħaddi biex jgħid, waħda waħda, għaliex fil-fehma tiegħu l-ilmenti tar-rikorrent m'humiex mistħoqqa;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-fatti tal-każ kif joħorġu mill-atti tal-kawża</u>, jirriżulta li fit-3 ta' Diċembru, 2004, instabet persuna maqtula f'karozza fi Triq l-Istadium, ġewwa ta' Qali (limiti tal-Mosta). Minnufih infetħet Inkjesta Maġisterjali, u l-Qorti ħatret numru ta' esperti biex jassistuha. Ħareġ li l-persuna kienet identifikata bħala Victor Magri, żewġ l-intervenuta Josephine Magri u missier l-intervenuti l-oħrajn;

Illi tul il-proċess ta' investigazzjoni l-Pulizija sejħet u interrogat għadd ta' persuni, fosthom lir-rikorrent[8]. Ħareġ li, filwaqt li dawn ġew mgħarrfa bil-jedd li ma jinkriminawx ruħhom, ma ngħatalhomx il-jedd li jikkonsultaw ma' avukat tal-fiduċja tagħhom. Ir-rikorrent jgħid li, f'dak l-istadju, minn jeddu ma riedx ikellem avukat tal-fiduċja tiegħu[9] u kien għażel li jħalli stqarrijiet mal-Pulizija. Fost dawn, kien ħalla stqarrija fil-5 ta' Diċembru, 2004[10] (iżda għażel li

[8] Paġġ. 81 sa 111 tal-proċess
[9] Ara x-xhieda ta' Marco Pace f'paġġ. 632 u 634 tal-proċess
[10] Dok "CP", f'paġġ. 67 – 9 tal-proċess

ma jiffirmahiex), filwaqt li l-għada ħalla stqarrija oħra, minbarra li kien intervistat mill-Pulizija u l-kontenut tagħha kien reġistrat. Reġa' ta stqarrija oħra fl-10 ta' Diċembru, 2004[11] (li wkoll għażel li ma jiffirmahiex), l-għada li kien intervistat mill-ġdid mill-Pulizija. L-aħħar stqarrija taha fit-22 ta' Lulju, 2005[12] (f'dak il-każ, huwa għażel li jiffirmaha);

Illi s-sejbiet tal-Pulizija wasslu biex ir-rikorrent jitqies bħala s-suspettat tal-qtil tal-imsemmi Victor Magri. Aktar tard, persuna qrib ir-rikorrent stqarret mal-Pulizija u kkonfermat quddiem il-Maġistrat Inkwerenti li r-rikorrent kien stqarr magħha li kien hu li qatel lil Magri[13];

Illi r-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-25 ta' Lulju, 2005, u dak li ġabret il-Pulizija mill-istħarriġ tagħha tressaq quddiem dik l-Qorti fil-proċeduri "*Il-Pulizija (Spettur Chris Pullicino) vs. Marco Pace*" quddiem dik il-Qorti[14];

Illi minn dak il-waqt 'il quddiem, ir-rikorrent kien qabbad avukati biex jidhru għalih u, aktar 'il quddiem, għażel difensur ieħor minflokhom[15];

Illi l-Kumpilazzjoni ntemmet u fis-17 ta' April, 2015, inħareġ l-Att tal-Akkuża (Numru 13/2014 fl-ismijiet "*Ir-Repubblika ta' Malta kontra Mark sive Marco Pace*") fejn ir-rikorrent jinsab mixli, fost oħrajn, bil-qtil volontarju ta' Victor Magri. Fin-Nota ta' Eċċezzjonijiet[16] imressqa għall-imsemmi Att, ir-rikorrent talab it-tneħħija mill-atti proċesswali ta' għadd ta' dokumenti, xhieda, u esebiti, liema eċċezzjonijiet, fil-biċċa l-kbira tagħhom, ma ntlaqgħux f'sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-6 ta' Lulju, 2016[17]. Il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat dik is-sentenza b'sentenza tat-3 ta' Novembru, 2016[18];

Illi r-rikorrent fetaħ din il-kawża fl-1 ta' Diċembru, 2017. Fl-istess jum, ir-rikorrent ressaq talba lill-Qorti Kriminali fl-atti tal-Att ta' Akkuża nru 13/2014, għas-sospensjoni tas-smigħ tal-ġuri sakemm ikun hemm eżitu finali ta' din il-proċedura. B'digriet tal-11 ta' Diċembru, 2017[19], dik il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrent;

Illi għal dak li jirrigwarda <u>l-kunsiderazzjonijiet legali</u> marbutin mal-każ, il-Qorti tibda biex tistħarreġ u tqis **l-eċċezzjonijiet preliminari** tal-intimat Avukat tal-Istat. Fit-tweġiba tiegħu, huwa jqajjem ħames (5) eċċezzjonijiet

---

[11] Dok "CP2", f'paġġ. 70 – 2 tal-proċess
[12] Dok "CP3", f'paġġ. 73 – 7 tal-proċess
[13] Paġġ. 106 sa 129 tal-proċess
[14] Paġġ. 57 sa 77, 134 sa 149, u 158 sa 481 tal-proċess
[15] Xhieda tiegħu f'paġġ. 632 – 4 tal-proċess
[16] Dok. "AG1" f'paġġ. 485 sa 489 tal-proċess
[17] Dok "AG2", f'paġġ. 515 sa 537 tal-proċess
[18] Dok. "AG3" f'paġġ. 538 sa 558 tal-proċess
[19] Dok. "AG4" f'paġġ. 559 sa 564 tal-proċess

preliminari: fl-ewwel waħda jgħid li l-azzjoni tar-rikorrent tressqet qabel waqtha; fit-tieni waħda jgħid li azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali ma tistax tissejjes fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 32(ċ) tal-Kostituzzjoni; fit-tielet waħda jgħid li, safejn l-ilmenti tar-rikorrent jirrigwardaw dak li seħħ qabel ma tressaq taħt arrest quddiem qorti, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jidħolx; fir-raba' waħda jgħid li l-Qorti jmissha tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-każ, ladarba r-rikorrent kellu rimedji oħrajn "ordinarji" mogħtijin lilu mil-liġi; filwaqt li l-aħħar eċċezzjoni preliminari tgħid li l-azzjoni tar-rikorrent hija waħda fiergħa u vessatorja, għaliex maħsuba biss biex tipprova twaqqa' sentenza dwar l-istess ilmenti li diġa` ngħatat mill-Qorti Kriminali u konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

Illi għal dak li jirrigwarda l-**ewwel eċċezzjoni preliminari**, l-intimat Avukat tal-Istat jgħid li l-ilmenti mqajma mir-rikorrent ma jistgħux jitqiesu fl-arja u li, f'kull każ, ladarba l-proċeduri mnedija kontrih għadhom ma ntemmux, din il-Qorti ma tistax tgħid li huwa ġarrab jew se jġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq jew għall-jedd tiegħu għall-ħajja privata jew tal-familja tiegħu. Huwa jgħid li l-azzjoni tar-rikorrent tressqet qabel waqtha u għaldaqstant din il-Qorti m'għandhiex tisma' din il-kawża;

Illi l-Qorti tqis li r-rikorrent naqas li jindirizza din l-eċċezzjoni fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu. Fis-sewwa, ir-rikorrent ma ressaq sottomissjonijiet dwar l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-intimat Avukat tal-Istat;

Illi ġie ritenut mill-Qrati tagħna li din l-eċċezzjoni, li saħansitra tista' titqajjem minn qorti minn rajha, għandha tiġi mistħarrġa qabel kull eċċezzjoni oħra mressqa quddiemha[20]. Minbarra dan, f'każ bħal dan, il-piż tal-prova jaqa' fuq il-parti intimata li tikkonvinċi lill-Qorti li l-azzjoni ma saritx f'waqtha u dan fuq il-massima li *reus in excipiendo fit actor*. Huma meħtieġa l-istess provi fi grad tali li s-soltu jaqa' fuq attur dwar il-pretensjonijiet tiegħu[21]. Minbarra dan, minħabba li l-effett ta' eżitu favorevoli għal eċċezzjoni ta' intempestivita` huwa dak li jeħles lill-parti mħarrka milli tibqa' iżjed fil-kawża, bil-jedd tal-parti attriċi li terġa' tibda proċedura meta jgħaddi t-terminu li kien ingħata, l-eċċezzjoni trid tintlaqa' meta tassew tkun pruvata u dan fuq il-massima li azzjoni tiġi salvata jekk dan huwa possibbli;

Illi f'dan ir-rigward ta' min jgħid li, f'każijiet ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali, l-eċċezzjoni tal-intempestivita` tal-azzjoni trid tgħaddi wkoll minn għarbiel ieħor ifjen. Dan jingħad għaliex azzjoni bħal din ukoll tista' titressaq qabel ma jkun seħħ ksur ta' jedd bħal dan. Fil-każ li għandna

[20] Kost. **29.11.2004** fi-kawża fl-ismijiet ***Victor Lanzon et vs. Kummissarju tal-Pulizija***
[21] Ara P.A. **18.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Ricci vs Latzen*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.745**)

quddiemna, il-fatt waħdu li l-intimat eċċipjenti jorbot l-intempestivita` mal-proċeduri li għadhom pendenti kontra r-rikorrent quddiem il-Qorti Kriminali ma jġibx għalhekk biss li din il-kawża tressqet qabel waqtha, għaliex lanqas jista' jingħad li kulma qiegħed jintalab f'din il-kawża se' jkun mistħarreġ f'dawk il-proċeduri;

Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif jitħaddem kemm l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, iridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti[22]. Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq[23]. F'ċirkostanza bħal din u safejn ma toħroġx prova ta' xi ħsara jew preġudizzju li ma jissewwiex, huwa ndikat u għaqli li l-istħarriġ dwar jekk wieħed ingħatax smigħ xieraq isir wara li jkun intemm il-proċediment li jkun u mhux qabel[24]. Huwa minnu wkoll li wieħed ma jistax jeskludi minn qabel li jista' jkun hemm ċirkostanza proċedurali waħda matul il-proċess ġudizzjarju li taf tkun serja u determinanti biżżejjed biex titlob l-istħarriġ tal-ilment ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq[25], iżda r-regola tibqa' li jitqies l-*iter* proċedurali kollu[26];

Illi tabilħaqq, hemm sentenzi tal-Qrati tagħna li jgħidu li jekk fi stadju qabel ma nbeda l-proċediment kriminali, persuna suspettata saritilha interrogazzjoni u dan mingħajr ma kienet mgħejjuna minn avukat u minkejja li kienet għadha taħt l-eta`, dan il-fatt waħdu ma tqiesx li kiser il-jedd ta' dik il-persuna għal smigħ xieraq, meta ttieħed qies tal-proċess kollu meħud fil-konfront tagħha[27], ukoll jekk fihom infushom dawk iż-żewġ ċirkostanzi normalment jitqiesu li jiksru l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni[28];

Illi, min-naħa l-oħra, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti w imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss

---

22 Ara Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.213**)

23 Kost. **18.8.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Pulliċino vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.158,** a fol. **225**) ; Kost. **13.3.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Adrian Busietta vs Avukat Ġenerali***

24 Kost. **22.2.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Repubblika ta' Malta vs Carmel Camilleri***; u Kost. **31.5.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Darren Aquilina vs Onor. Prim' Ministru et*** fost oħrajn

25 Q.E.D.B. **14.1.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephens vs Malta (Nru. 3)*** (Applik. Nru. 35989/14) §§ 65, 72 – 4

26 Ara, b'eżempju, Kost. **16.12.2019** fil-kawża fl-ismijiet ***Alfred Degiorgio vs L-Avukat Ġenerali et*** (Rik. Nru. 51/18) §§ 15 – 8; u Kost. **20.7.2020** fil-kawża fl-ismijiet ***William Gatt vs Avukat Ġenerali*** §§ 15 – 6

27 Kost. **29.11.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Lanzon et noe et vs Kummissarju tal-Pulizija***

28 Q.E.D.B. **6.6.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Averill vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 36408/97) §§. 43-5; u Q.E.D.B.**6.6.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Magee vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 28135/95) §§ 41-4 (kawżi dwar l-inferenza negattiva mis-skiet tal-imputat) u Kost **22.2.2013** fl-atti tar-Riferenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spett. Josric Mifsud) vs Tyrone Fenech*** u Kost. **18.7.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Trevor Bonniċi vs Avukat Ġenerali***

fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti[29], u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja[30]. Jaqgħu, madankollu, taħt il-kappa tal-ħarsien tal-jedd għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-attur bena l-azzjoni tiegħu fuq ħamest irjus ewlenin li jsejħilhom hekk: (i) "Mankanzi fis-sistema tal-Ġuri fis-sistema Legali Maltija"; (ii) "Referenzi kemm diretti, indiretti u anke ancillari għall-istqarrijiet magħmula mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u mill-esponenti fl-istadju ta' investigazzjoni"; (iii) "*Rule of Disclosure*"; (iv) "Mankanzi partikolari tul il-Kumpilazzjoni illi jwasslu jew se jwasslu għal nuqqas ta' smiegħ xieraq tul il-proċeduri kriminali"; u (v) "Rimedju". Huwa jgħid li dawn l-oqsma ta' lment ġabulu ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq kemm taħt il-Kostituzzjoni u wkoll taħt il-Konvenzjoni, u wkoll ksur tal-jedd tiegħu għall-ħajja privata jew tal-familja taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti tirrileva li, fejn jidħol dan l-aħħar ilment, ir-rikorrent la ressaq provi u lanqas għamel l-iċken sottomissjoni. Għalhekk, ma hemm l-ebda dubju li effettivament, ir-rikorrent isejjes l-imsemmija lmenti fuq il-jedd għal smigħ xieraq;

Illi, wara li l-Qorti fliet l-atti b'reqqa, issib li lil hinn mill-eżerċizzju x'aktarx akkademiku li r-rikorrent jitlob lil din il-Qorti tagħmel dwar is-sistema tal-Ġuri f'Malta u n-nuqqasijiet f'dak is-sistema meta mqabbel ma' sistemi f'artijiet oħrajn, l-ilmenti l-oħrajn li huwa jqajjem dwar il-proċedimenti mnedija kontrih fil-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali ma jistgħux jitqiesu sewwa u kif jixraq f'dawn il-proċeduri. Dan jingħad għaliex, sewwasew kif jeċepixxi l-intimat Avukat tal-Istat, l-istess proċediment għadu ma ngħalaqx imqar mill-ewwel istanza. Minbarra dan, bilkemm għandu għalfejn jingħad li fil-konfront tar-rikorrent ma ngħatat l-ebda sentenza dwar il-ħtija jew nuqqas ta' ħtija tiegħu skond l-akkużi miġjuba kontrih;

Illi, jidher għalhekk li l-azzjoni mressqa mir-rikorrent, fid-dawl tal-istadju mhux mitmum tal-proċeduri kriminali mressqin kontrih, hija waħda li ma saritx f'waqtha u għalhekk din l-eċċezzjoni hija tajba u jixirqilha tintlaqa', bla ħsara għal kull jedd li r-rikorrent jista' jkollu 'l quddiem meta l-proċeduri mnedija kontrih ikunu ntemmu;

Illi, għalkemm il-Qorti tista' tieqaf hawnhekk, jidhrilha li jkun xieraq li tqis l-eċċezzjonijiet preliminari l-oħrajn ukoll;

---

[29] P.A. (Kost.) **17.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Heinrich Muscat vs L-Avukat Ġenerali et***
[30] Kost. **16.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et***

Illi bit-**tieni eċċezzjoni preliminari** tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat jgħid li, safejn l-azzjoni attriċi ssejset fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti ma tista' tagħmel l-ebda stħarriġ dwar l-ilmenti tar-rikorrent. Huwa jgħid li dak l-artikolu – bħall-artikolu 1 tal-Konvenzjoni – jikkonsisti f'dikjarazzjoni ta' prinċipji u ma jagħti l-ebda rimedju sostantiv lil min iħoss li jkun ġarrab ksur ta' xi jedd fundamentali;

Illi l-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni, kif imfassla, hija tajba u m'għandhiex għalfejn ittawwal wisq dwarha. Għandu jingħad li, għalkemm l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni jagħmel parti mill-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni, ma jistax jingħad li fih innifsu jħares xi jedd speċifiku: huwa artikolu li "jelenka d-drittijiet u libertajiet fondamentali tal-individwu protetti mill-Kostituzzjoni … u jagħmel riferenza għal-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Kostituzzjoni"[31]. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-imsemmi artikolu huwa tabilħaqq dikjarazzjoni ta' prinċipji imma mhuwiex esegwibbli bħala dispożizzjoni li tagħti ħarsien ta' jedd speċifiku kif jissemma fl-artikoli l-oħrajn ta' warajh u li jagħmlu mill-istess Kapitolu IV. Dan huwa l-qofol tat-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat tal-Istat u l-Qorti tqis li għandha mis-sewwa u għaldaqstant sejra tilqagħha. Ma hemmx dubju li r-rikorrent sejjes l-azzjoni tiegħu fuq dispożizzjonijiet oħrajn tal-Kostituzzjoni, liema dispożizzjonijiet jagħtu effett sostantiv u rimedju xieraq. Għalhekk, il-fatt li l-Qorti qiegħda ssib li din l-eċċezzjoni preliminari hija tajba ma jġibx b'daqshekk li l-bqija tal-azzjoni attriċi ma tiswiex li kieku tressqet f'waqtha;

Illi bit-**tielet eċċezzjoni preliminari**, l-intimat Avukat tal-Istat jgħid li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jgħoddx għal dawk l-ilmenti tar-rikorrent li jitkellmu dwar ġrajjiet li seħħew qabel ma nħarġu akkużi kontrih u tressaq quddiem qorti. B'mod partikolari, l-intimat eċċipjent isemmi l-ilmenti tar-rikorrent dwar il-mod kif ittieħdu l-istqarrijiet ta' persuni oħrajn dwar iċ-ċirkostanzi tal-qtil ta' Magri. L-intimat jgħid li dawk l-istqarrijiet (magħduda l-istqarrijiet magħmula mir-rikorrent) saru qabel ma r-rikorrent tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

Illi huwa minnu li l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-

[31] Kost. **30.11.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Walter Cuschieri et vs Onor. Prim Ministru***; u P.A. Kost. **14.5.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Bernard Gauċi pro et noe vs Kummissarju tal-Artijiet et*** (konfermata mill-Q. Kost. fid-**19.4.2016**)

Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti[32] u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja[33];

Illi, madankollu, jidher li maż-żmien din ir-regola tfissret f'dawl usa', b'mod partikolari f'dawk il-każijiet fejn il-proċeduri quddiem il-Qorti Istruttorja jtulu b'mod li ma jingħalqux fi żmien raġonevoli[34];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, l-ilmenti tar-rikorrent fil-biċċa l-kbira minnhom jirreferu tassew għal żmien qabel ma nħarġu kontrih l-akkużi formali u kien mixli b'reati. Imma dan ma jfissirx li dawk l-episodji jaqgħu 'l barra mill-ħakma tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Hekk, per eżempju, fejn l-ilmenti tar-rikorrent jirrigwardaw it-teħid tal-istqarrijiet tiegħu u n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat, il-fatt li dawk seħħew qabel ma kien imressaq quddiem qorti u mixli b'reati ma jfissirx li l-ilmenti jinqalgħu 'l barra mill-kunsiderazzjonijiet tal-artikolu msemmi. Li kieku kien hekk, l-ebda azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd għal smigħ xieraq ma kienet tista' titressaq dwar stqarrijiet magħmula bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi u bla ma ngħata lill-persuna l-aċċess għal għajnuna b'avukat. Għall-kuntrarju, huwa minħabba fil-fatt li stqarrijiet meħuda b'dak il-mod jistgħu jintużaw waqt il-proċediment kriminali mniedi kontra persuna li s-siwi ta' dawk l-istqarrijiet (ukoll jekk saru fi żmien qabel ma dik il-persuna kienet mixlija b'reat) tolqot fil-laħam il-ħaj l-aspetti ta' smigħ xieraq;

Illi, f'kull każ, jidher ċar li din l-eċċezzjoni tolqot biss parti mill-ilmenti tar-rikorrent u għalhekk lanqas kieku din il-Qorti kellha tilqagħha, żgur ma kinitx tolqot l-azzjoni kollha tar-rikorrent safejn tissejjes fuq ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

Illi għalhekk, l-eċċezzjoni mhix se tintlaqa';

Illi r-**raba' eċċezzjoni** preliminari tal-intimat tirrigwarda l-istedina magħmula minnu lill-Qorti biex tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha "kostituzzjonali" ladarba r-rikorrent kellu rimedji oħrajn fejjieda taħt il-liġi bla ma kien meħtieġ li jirrikorri għall-proċeduri tallum. Jidher li din l-eċċezzjoni tirreferi l-aktar għal dawk l-ilmenti tar-rikorrent li jitkellmu dwar l-istqarrijiet, it-tneħħija mill-atti ta' dikjarazzjonijiet verbali magħmulin minnu u ħwejjeġ oħrajn bħalhom; u kif ukoll dawk li r-rikorrenti jsejħilhom bħala "mankanzi partikolari tul il-kumpilazzjoni" u t-talba tiegħu li wħud mill-imsemmija atti tal-kumpilazzjoni jitneħħew mill-atti tal-kawża. L-intimat Avukat tal-Istat jgħid li,

---

[32] P.A. (Kost.) **17.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali et***
[33] Kost. **16.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et***
[34] Kost. **13.7.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Silvio Żammit***

fil-qofol tagħhom, l-ilmenti tar-rikorrent jaqgħu kollha fis-setgħat tal-Qorti li quddiemha miexi l-każ kriminali mniedi kontrih u l-liġi tagħti rimedji effettivi dwarhom. Jisħaq ukoll li r-rikorrent innifsu kien jaf b'dawn ir-rimedji, tant li fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu wara li nħareġ kontrih l-Att tal-Akkuża, qanqal eċċezzjonijiet sewwasew biex jilmenta kontra l-imsemmija atti tal-kumpilazzjoni u l-istqarrijiet;

Illi l-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni tintrabat mal-ewwel waħda, għalkemm m'humiex l-istess. Strettament, l-eċċezzjoni tal-intempestivita` mhijiex l-istess bħall-eċċezzjoni partikolari li titqajjem taħt id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk, fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-eċċezzjoni preliminari taħt eżami, din il-Qorti sejra tqis l-eċċezzjoni b'rabta mal-prinċipji li jirregolaw il-kwestjoni tad-diskrezzjoni ta' din il-Qorti li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha f'dan il-każ;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[35]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-

[35] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[36] lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[37];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[38]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, għaliex ikun biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[39]. Fuq kollox, ir-rimedju "ordinarju" mogħti jgħodd ukoll fejn dan jingħata bis-saħħa ta' liġi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fondamentali li diġa` seħħ jew li x'aktarx iseħħ[40];

Illi joħroġ ukoll li l-eżistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eċċezzjoni. F'dan il-każ, kien l-intimat li qajjem l-eċċezzjoni li r-rikorrent għandu u kellu rimedju ieħor għad-dispożizzjoni tiegħu, u huwa għalhekk dmir tal-imsemmi intimat li juri li r-rikorrent tassew għandu dak ir-rimedju;

Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*Remedies must be real and practical and not theoretical or illusory, e.g. genuine fear of reprisals, intimidation. Account will be taken not only of the personal circumstances of the applicant, but the general legal and political context in which the alleged remedies operate. An unduly formalistic approach is not to be taken by the Convention organs which will apply a certain degree of flexibility. Remedies must be effective, i.e. capable of providing redress for the complaint...; the speed of the procedure may also be relevant to its effectiveness; the remedy must be capable of remedying directly the state of affairs; form part of the normal process of redress and involving normal use of the remedy...; be accessible...; offer reasonable prospects of success; a mere doubt as to the prospect of success in going to court does not exempt from exhaustion. Where case-law is unclear, contradictory or in the process of ongoing interpretation, an applicant may be expected to pursue an action or appeal which allows the courts to rule on the issues. ... Also, if there is more than one remedy available, an individual is not required to try more than one; an applicant is generally not required to try the same body again by way of a repeated request or application*"[41]. Fil-fehma tal-Qorti, dawn ir-regoli għaqlin joqogħdu sewwa għall-każ tal-lum u b'żieda ma' dak li ngħad aktar qabel;

---

[36] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita` tal-Ippjanar et***
[37] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***
[38] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[39] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[40] Kost. **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brincat et vs Policy Manager ta' Malta Shipyards et***
[41] K Reid <u>A Practitioner's Guide to the European Convention on Huma Rights</u> (3rd. Edit, 2007) §I-040, pġ. 31 – 2

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[42]. Mhuwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[43];

Illi huwa mgħallem ukoll li "*it is not only judicial remedies which must be sought, but every remedy under national law which may lead to a decision that is binding on the authorities, including the possibility of appeal to administrative bodies, provided that the remedy concerned is adequate and effective*"[44];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita`, inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabbilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[45]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lill-Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[46]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-

---

[42] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***

[43] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

[44] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th. Edit, 2006), pġ. 133

[45] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

[46] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[47];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, il-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[48];

Illi fil-qasam tal-istħarriġ tal-eżistenza ta' rimedji oħrajn xierqa, jinsab stabilit li "*With respect to the way in which and the time-limits within which proceedings must be instituted, national law is decisive. If in his appeal to a national court an applicant has failed to observe the procedural requirements or the time-limits, and his case has accordingly been rejected, the local remedies rule has not been complied with. ... The interpretation and application of the relevant provisions of national law in principle belong to the competence of the national authorities concerned*"[49]. Dak li jingħad dwar it-teħid tar-rimedji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali qabel ma wieħed jista' jmexxi każ quddiem il-Qorti ta' Strasbourg[50] jidher li jista', fil-qafas ġenerali, jgħodd ukoll għall-kwestjoni tat-teħid tar-rimedji "ordinarji" qabel ma wieħed imexxi 'l quddiem bil-proċedura speċjali tal-ilment dwar ksur ta' jedd fondamentali quddiem il-Qrati nazzjonali;

Illi l-kejl determinanti dwar l-aċċettabilita` ta' rimedju bħal dak jibqa' dejjem dak ta' kemm huwa effettiv ir-rimedju li jista' jingħata. Għalhekk, kien hemm każijiet fejn ir-rimedju amministrattiv tqies bħala wieħed li jindirizza sewwa l-ilment imressaq mir-rikorrent (ukoll fejn l-allegazzjoni kienet ta' ksur ta' jedd "konvenzjonali")[51] (u għalhekk jiġġustifika li l-Qorti "kostituzzjonali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha straordinarji), imma kien hemm każijiet oħrajn ukoll fejn tali rimedju ma tqiesx bħala wieħed effettiv[52];

Illi, minbarra dan, jidher li l-kwestjoni marbuta mal-eżawriment tal-proċeduri 'ordinarji' qabel ma wieħed jersaq għar-rimedju 'kostituzzjonali' jew 'konvenzjonali' jridu jitqiesu wkoll minn jekk ir-rimedji eżistenti jitqisux fihom infushom tajbin biżżejjed biex ma joħolqux ilmenti ġodda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali meta wieħed iqis jekk għandux jirrikorri għalihom. F'dan ir-

[47] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[48] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***
[49] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op cit*, pġ. 134
[50] Ara art. 35(1) tal-Konvenzjoni
[51] Ara, per eżempju, Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs Kummissarju tal-Pulizija***
[52] Ara, per eżempju, Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' tat-Trasport Pubbliku***

rigward, il-Qorti tqis li ma tistax tinjora l-kejl suġġerit mill-Qorti ta' Strasbourg fejn jidħol dan l-element ta' eżawriment ta' rimedji domestiċi ordinarji, kif stabilit f'kawżi li jolqtu lil Malta[53];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet legali, din il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni hija ġeneralment waħda mistħoqqa. Meta wieħed iqis li l-istess ilmenti mressqa mir-rikorrent taħt iż-żewġt irjus fuq imsemmija, wieħed jintebaħ minnufih li kienu l-istess ilmenti li qajjem bl-eċċezzjonijiet preliminari tiegħu għall-Att tal-Akkuża maħruġ kontrih. Ir-rimedju tal-eċċezzjonijiet huwa sewwasew ir-rimedju mogħti lilu taħt il-liġi ordinarja u r-rikorrent inqeda bih mhux biss quddiem il-Qorti Kriminali, imma wkoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, bl-istess eżitu. Imma l-fatt li dak l-eżitu ma ħalliex ir-riżultat mixtieq mir-rikorrent ma jfissirx li r-rimedju ma kienx wieħed tajjeb u lanqas li ma kienx rimedju aċċessibbli għalih;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' wkoll din l-eċċezzjoni bħala waħda tajba u mistħoqqa;

Illi jifdal li l-Qorti tqis il-**ħames eċċezzjoni preliminari** mqajma mill-intimat Avukat tal-Istat li tgħid li l-azzjoni miftuħa mir-rikorrent hija waħda fiergħa u maħsuba biss biex iddejjaq. Huwa jsejjisha fuq dak li jgħid l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(5) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. L-eċċipjenti jara tali frugħa u vessatorjeta` fil-fatt li r-rikorrent jilminta mill-istess ħwejjeġ li qajjem fl-eċċezzjonijiet tiegħu wara li nħareġ l-Att tal-Akkuża. Huwa jgħid li bl-azzjoni tiegħu tallum, ir-rikorrent qiegħed jipprova jġib dak li ma seħħlux iġib quddiem il-Qrati ta' kompetenza kriminali u b'hekk donnu qiegħed iressaq appell ieħor minn qorti ta' appell;

Illi kif ingħad bosta drabi, bil-kelma "frivola" jew "fiergħa", ġie mill-Qrati mfisser li kwestjoni hija ta' ebda preġju jew siwi u li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; filwaqt li bil-kelma "vessatorja" wieħed jifhem li l-kwestjoni tqanqlet mingħajr raġunijiet tajbin biżżejjed u bil-ħsieb li ddejjaq u tirrita lill-parti l-oħra[54]. Il-liġi żżid ukoll il-kwalifika li l-kwestjoni tkun "sempliċement" frivola u vessatorja, jiġifieri tkun mill-ewwel u mad-daqqa t'għajn tidher "vana, nieqsa mis-serjeta`, manifestament nieqsa mis-sens u ma jistħoqqilhiex attenzjoni"[55];

Illi fil-każ tal-lum, il-Qorti ma jidhrilhiex li l-ilmenti kollha mressaq mir-rikorrent huma tassew fiergħa għaliex il-kwestjonijiet li jqajjem imissu aspetti fundamentali u siewja dwar il-jedd għal smigħ xieraq. Li kieku l-azzjoni tiegħu ma tressqitx qabel waqtha, kien ikun hemm ilmenti minn fosthom li kienu

---

[53] Ara Q.E.D.B. **24.10.2014** fil-kawżi fl-ismijiet ***Brincat et vs Malta*** (Applik. Nri. 60908/11 u 62110/11 et) §§ 64, 68 u 72
[54] Kost. **23.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs L-Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.227**)
[55] Kost. **10.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċiantar et vs Il-Prim Ministru ta' Malta*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.126**)

tabilħaqq jistħoqqilhom stħarriġ. Dwar dak li jirrigwarda t-tressiq ta' lmenti li dwarhom iddibattew u ddeċidew il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Appell Kriminali, din il-Qorti tat il-fehmiet tagħha waqt li kienet qiegħda tistħarreġ ir-raba' eċċezzjoni preliminari;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li l-azzjoni tar-rikorrent, li kienu tressqet f'waqtha, kienet tkun waħda fiergħa u maħsuba biss biex iddejjaq. Għalhekk, l-eċċezzjoni mhix mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet preliminari** tal-intimat billi mhux mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel, it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari** tiegħu u ssib li l-azzjoni tar-rikorrent tressqet qabel waqtha u hemm raġunijiet biżżejjed biex din il-Qorti tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tisma' u tqis l-ilmenti tar-rikorrent fil-mertu;

**Tastjeni** milli tqis it-talbiet tar-rikorrent; u

**Tordna** li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mir-rikorrent.

Moqrija

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**7 ta' April, 2022**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**